# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 508/2013**

Il-Pulizija

vs

**Paul Bugeja**

iben Mario, imwieled Rabat, fit-18 ta' Lulju, 1963, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 371363(M)

Illum, 24 ta' Ottubru, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Paul Bugeja quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fis-6 ta' Settembru, 2013 u matul il-granet ta' qabel go Marfel, 16, Triq Santa Rita, Rabat, Malta, ksirt id-disposizzjonijiet tal-Kodici tal-Pulizija billi ma hallejtx lil xi hadd jaghmel dak li kien ordnat li jaghmel skont l-istess Kodici.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-15 ta' Novembru, 2013 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 318 tal-Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati u ikkundannatu ghal hlas ta' ammenda ta' hmistax-il-euro. (€15).

Il-Qorti ordnat ukoll illi l-imputat jaghti access lill-Ispettur Sanitarju fi zmien xahar mil-lum.

Rat ir-rikors tal-appellant Paul Bugeja tas-26 ta’ Ottubru, 2013 fejn talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fl-intier taghha u tillibera lil-esponent minn kull piena u imputazzjoni u fin-nuqqas, timmodifikha u tvarjha billi tikkonfermha fejn sabitu hati u thassarha inkwantu imponiet il-perjodu ta' xahar lill-esponent ghar-ragunijiet imsemmija fis-sentenza appellata.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi qabel xejn is-sentenza hija nulla peress li ma ssemiex taht liema artikolu tal-ligi sabet lill-esponent hati.

Illi presubilment l-imsemmija akkuza harget taht l-artikolu 133 tal-Kap 10 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi minn ezami akkurat ta' dan l-artikolu ghandu jirrizulta li qabel xejn il-persuna li tkun mitluba biex tippermetti z-zjara ghandha tkun is-sid tal-fond. F'dan il-kaz ma jidhirx li saret din il-prova.

Illi fit-tieni lok kieku stess, dan irid isir bl-inqas inkomodu possibbli. Dan l-element ma giex rispettat l-anqas kif ser ikun ipprovat fil-kors tal-appell.

FI-ahhar nett "dato ma non concesso" li tirrisulta l-kontravenzjoni, il-Qorti ma setghetx tiffissa zmien ta' xahar lill-esponent biex ihalli lill-Ufficjali tas-Sanita' jzuru il-post fejn joqghod.

Semmai biex dan isir irid jintalab il-hrug ta' mandat mill-Qorti bil-formalitajiet kollha li dan il-fatt igib mieghu, kif jispjega l-istess artikolu 133 tal-Kodici tal-Pulizija.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan hu kaz sommarja u ghalhekk ix-xhieda li nghatat quddiem l-ewwel Qorti ma gietx traskritta u ghalhekk din il-Qorti kellha tisma mill-gdid il-provi mressqa.

Illi wiehed mill-aggravji tal-appellant hu li s-sentenza hi nulla minhabba l-fatt li l-ewwel Qorti ma ssemmiex l-artikolu relevanti tal-ligi. Fil-fatt, l-ewwel Qorti ssemmi l-artikolu 318 tal-Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta' Malta. Madankollu, ghandu jigi rilevat li dan l-artikolu jittratta dawr il-piena li ghandha tigi erogata u mhux l-artikolu specifiku tal-ligi li nkiser. F'dan il-kaz l-artikolu rilevanti u l-artikolu 133 tal-Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk, dan l-aggravju tal-appellant ghandu jirnexxi izda din il-Qorti ser tghaddi biex tanalizza l-aggravji l-ohra.

Illi l-artikolu 133 tal-Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta' Malta jispjega kif ghandha tagixxi l-awtorita' sanitarja f'kaz bhal dan in ezami. Hi ghandha tinforma lill-persuna li qed taghmel l-ostakolu anki bil-fomm li l-impjegati taghha ghandhom bzonn li jaghmlu spezzjoni tal-fond. Fil-fatt, fil-kaz in ezami huma kienu nfurmaw l-appellant li riedu jidhlu fil-fond tieghu. Wara li dik il-persuna tirrifjuta li taghti dak l-access, l-awtorita' sanitarja ghandha titlob lill-Qorti biex jinhareg mandat li bih ikunu awtorizzati jidhlu fil-fond. F'dan il-kaz partikolari l-mandat ma giex mitlub u il-pulizija mexxew kontra l-appellant b'citazzjoni. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-akkuza kif dedotta kontra l-appellant qatt ma setghet tinhareg. L-artikolu 133 jaghmilha aktar facli ghall-awtorita' sanitarja biex tespleta d-doveri taghha minghajr il-bzonn li tinhareg citazzjoni.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti qed tilqa l-appell Paul Bugeja. Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tehilsu minn kull htija u piena.